**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru.: 613/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ritienne Gauci)**

**-Vs-**

**ALAN SEGUNA**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ALAN SEGUNA** ta' 28 sena , iben Jesmond u Maria xebba Schembri , imwieled gewwa Pieta nhar il-25 ta' April, 1994 u residenti ġewwa fond 6, Triq il-Kunċizzjoni, Dingli u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 170894M li ġie akkużat talli fix-xahar ta' Mejju 2022 u fil-ġranet u x-xhur ta' wara, ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. Bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, ha jew żvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaga oħra, jew biex tagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil Frederick Bonnici biex jagħmel jew jonqos jew milli jagħmel xi ħaga ħeddidt li takkuża jew li tagħmel ilment kontra tiegħu, jew biex jimmalafama lill-istess Fredrick Bonnici, jew xi persuna oħra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamilt użu ieħor mhux xieraq biħ;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġibt ruħek b'tali mod li tajt fastidju lil Frederick Bonnici, u b'mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li għamilt kien ta' fastidju għal Frederick Bonnici

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas–sigurta ta' Frederick Bonnici jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija. Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384,385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Generali fit-12 ta' Diċembru 2022 biex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami fis-seduta tal-12 ta' Diċembru 2022 li mhux ħati u li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli bir-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi illi iwettaq reat kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, jieħu jew jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film.

Hu minnufih evidenti li l-elementi materjali li jeħtieġu jiġu ppruvati mill-Prosekuzzjoni biex tinstab ħtija għal dan ir-reat, huma l-eżistenza ta' ritratt jew film sesswali privat; it-teħid jew żvelar ta' dak ir-ritratt jew film lil terza persuna; u n-nuqqas tal-kunsens tal-persuna li hija rappreżentata fir-ritratt jew film għall-iżvelar jew teħid.

Barra dan tinħtieġ ukoll il-prova tal-element formali fl-aġent tar-reat tal-intenzjoni li bl-azzjonijiet tiegħu li jikkostitwixxu l-elementi materjali tar-reat, jikkawża dwejjaq jew ħsara lil persuna oħra.

Il-fatti tal-każ in diżamina, kif joħorġu mix-xhieda ta' Frederick Bonnici u Sefora Micallef, kif ukoll mill-istqarrijiet tal-imputat innifsu, huma s-segwenti. Sefora Micallef kienet ilha madwar erba' snin f'relazzjoni ma' Frederick Bonnici iżda fl-istess waqt, matul is-sena 2022, hija kellha relazzjoni intima wkoll mal-imputat ad insaputa tal-għarus tagħha, liema relazzjoni kienet spiċċat sa Lulju 2022. Madanakollu, filwaqt li l-imputat kien jaf li Sefora kienet għarusa ma' ħaddieħor sakemm dam f'relazzjoni magħha, l-għarus tagħha ma kienx jaf dwar din ir-relazzjoni tagħhom u dan l-imputat kien jafu[1]. Huwa ppruvat mix-xhieda ta' Sephora Micallef illi hi l-mara li tidher fir-ritratti kollha esebiti minn Frederick Bonnici (Dok. FB1 sa Dok. FB35).

Jirriżulta illi Frederick Bonnici beda jirċievi diversi messaġġi fuq il-mobile tiegħu permezz ta' Whatsapp minn numri differenti li ma kienx jaf ta' min kienu, u f'dawn il-messaġġi kien hemm kliem ta' tgħajjir fil-konfront tiegħu, fosthom 'barri', 'mazzun' u 'baħnan' u dan b'referenza għar-relazzjoni tiegħu ma' Sefora Micallef, kif ukoll ritratti ta' Sefora mingħajr ħwejjeġ.

L-imputat, Alan Seguna, stqarr lill-Pulizija illi l-mobile tiegħu huwa tad-ditta Samsung Galaxy A3S, u kkonferma li n-numru tal-mobile tiegħu, 99001491, huwa reġistrat ma' Go plc u ilu jużah madwar ħames snin. Ikkonferma wkoll li hu biss jagħmel użu minn dan in-numru. Qal ukoll li m'għandux iktar numri ħlief dak appena msemmi u pprovda lill-Pulizija wkoll waqt l-interrogazzjoni tiegħu fit-8 ta' Awwissu 2022, in-numri tal-IMEI tal-mobile tiegħu li huwa dual sim: IMEI 1 – 352166459156959 u IMEI 2 - 358395969156951.

Stqarr ukoll illi Sefora Micallef kienet tgħidlu li ma setgħux ikunu f'relazzjoni normali iżda minkejja dan kienet tibagħtlu frekwentament ħafna, tħallilu ċ-ċwievet tad-dar tagħha fil-qasrija biex jista' jidħol u jħallilha l-ikel, filwaqt li hu kien iħallsilha l-kontijiet tagħha. Fi kliem l-imputat stess, kienu jagħmlu "*affarijiet normali li kull*

[1] Ara stqarrija tal-imputat, 8 ta' Awwissu 2022.

*koppja f'relazzjoni kienet tagħmel*" u stqarr ukoll li Sefora kienet ta' sikwit tibagħtlu ħafna ritratti "*normali, jew tkun ħierġa u mbiddla, jew tkun qiegħda d-dar jew il-baħar mat-tfal*." Ċaħad li Sefora qatt bagħtitlu ritratti tagħha bla ħwejjeġ u qal li hija kienet qaltlu li kien hemm xi persuna li kien ġiegħlha tibgħat ritratti ta' din ix-xorta iżda ma jafx min hi din il-persuna. Stqarr ukoll li r-relazzjoni tiegħu ma' Sefora spiċċat fit-18 ta' Lulju 2022.

Għalkemm l-imputat fl-istqarrija tiegħu kien ċaħad li jaf in-numru 79238091 lil min jappartjeni, u stqarr li dak in-numru lanqas m'hu mniżżel fil-mobile tiegħu, il-Prosekuzzjoni ppruvat bix-xhieda ta' Dr. Anthony Bonnici u Dok. AB1, li n-numru tal-IMEI 35839596915695 li ngħata lill-Pulizija mill-imputat innifsu, intuża ma' SIM card bin-numru 79318091 f'erba' okkazzjonijiet fil-11 ta' Mejju 2022. Dan ifisser illi n-numru 79238091 intuża mill-mobile tal-imputat.

Fil-fatt, l-imputat fit-tieni stqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija, fis-26 ta' Settembru 2022, ammetta li huwa uża dan is-Sim card u dan meta stqarr li kien remih u ma jiftakarx fejn remih. Stqarr ulterjorment illi ma jiftakarx fejn kien meta bagħat il-messaġġi lil Frederick Bonnici b'ritratti li juru lil Sefora Micallef bla ħwejjeġ, iżda kkonferma li ma kien hemm ħadd miegħu meta bagħat dawn ir-ritratti. Qal ukoll li kienet Sefora stess li kienet bagħtitlu dawn ir-ritratti u li ma kien bagħthom lil ħadd iktar ħlief lill-għarus ta' Sefora. Stqarr ukoll li dawn ir-ritratti ma għadhomx fil-mobile tiegħu.

Il-Qorti rat l-atti u l-provi u tqis illi filwaqt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova, sija bix-xhieda ta' Dr. Anthony Bonnici u Dok. AB1 u sija wkoll bl-ammissjoni tal-imputat innifsu fit-tieni stqarrija tiegħu, li l-imputat bagħat messaġġi lil Frederick Bonnici b'ritratti sesswali ta' Sephora Micallef, baqa' mhux ipprovat liema fost ir-ritratti kollha esebiti fl-atti proċesswali minn Frederick Bonnici, huma dawk li ntbagħtu lil Frederick Bonnici min-numru 79238091. Huwa minnu li kien hemm numru ta' ritratti li ntbagħtu minn 'alan seguna94', iżda mhux ippruvat li n-numru li minnu ntbagħtu dawn ir-ritratti huwa tassew tal-imputat. Madankollu, kif rajna diġa', l-imputat innifsu stqarr li uża n-numru 79238091 biex jibgħat ritratti sesswali ta' Sephora

Micallef lil Frederick Bonnici u għall-Qorti dan kollu magħdud hu biżżejjed biex jistabbilixxi ness konkussiv u inkontrovertibbli bejn ir-ritratti li dan tal-aħħar irċeiva mingħand 'alan seguna94' u r-ritratti li l-imputat stqarr li kien bagħat huwa stess min-numru 79238091. Fil-fehma tal-Qorti, m'huwiex raġjonevoli l-ipotesi, vantat mid-difiza, li probabbilment ma kienx l-imputat Alan Seguna iżda persuna oħra li bagħtet ir-ritratti Dok. FB20 u Dok. FB21 lil Frederick Bonnici min-numru abbinat mal-isem 'alanseguna94'.

Lil hinn minn dan iżda, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li kien hemm ritratti oħrajn fost dawk esebiti minn Frederick Bonnici, li ntbagħtulu minn xi numru li oriġina mill-mobile tal-imputat. Jirriżulta illi r-ritratti li ntbagħtu lil Frederick Bonnici huwa irċevihom fuq Whatsapp minn numri varji abbinati ma' persuni b'ismijiet differenti, filwaqt li Sephora Micallef xehdet li jista' jkun li kienet bagħet ir-ritratti in diżamina lil persuni oħrajn u mhux biss lill-imputat.

Kif sewwa spjega l-parti offiża nnifsu, il-pjattaforma Whatsapp taħdem billi tindika hija stess l-isem tal-persuna li magħha jkun abbinat in-numru li jintuza biex isiru telefonati jew biex jintbagħtu messaġġi fuq din il-pjattaforma. Il-Qorti fehmet li dan l-isem li jiġi indikat fuq Whatsapp ikun tabilħaqq l-isem jew laqam li jkun ġie reġistrat mill-utent tan-numru nnifsu, u mhux xi isem formali: hekk per eżempju, 'alan seguna94'. Fil-fatt, l-ismijiet jew kunjomijiet li mingħandhom irċieva messaġġi Frederick Bonnici, kif sabhom ġia' reġistrati fuq Whatsapp, mhux dejjem kienu spelluti korrettement (Albert Bugejja) jew kienu ismijiet evidentement foloz (Pufta 1).

Huwa minnu illi xejn ma jeskludi li kien l-imputat innifsu li bagħat il-messaġġi bir-ritratti li jidhru li oriġinaw minn persuni oħrajn, għaliex ikun xtara u uża SIM cards oħrajn differenti mhux reġistrati, u jkun irreġistrahom fuq Whatsapp b'ismijiet foloz. Iżda ma ġiex ippruvat xi ness konklussiv bejn l-imputat u l-ismijiet tal-persuni li

bagħtu dawn ir-ritratti l-oħra u ma ġiex ippruvat li dawn ir-ritratti oriġinaw min-numru abbinat mal-imputat jew li ntbagħtu mill-imputat ad esklużjoni ta' xi ħaddieħor[2].

Għaldaqstant, huwa ppruvat kif imiss li l-imputat bagħat lil Frederick Bonnici, biss ir-ritratti sesswali Dok. FB20 u Dok. FB21.

Ikkunsidrat;

Illi premess dan kollu, iżda, għandu jingħad ukoll li biex tiġi stabbilita l-ħtija tal-imputat għar-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kap. 9, mhux meħtieġ neċessarjament li tinġieb il-prova li kien tassew l-imputat li bagħat huwa stess direttament dawn ir-ritratti sesswali lil Frederick Bonnici. **Hi biżżejjed il-prova li l-imputat żvela, f'dan il-każ[3], dawn ir-ritratti mingħajr il-kunsens ta' Sephora Micallef**. Kif rajna, l-iżvelar meħtieġ għall-fini tar-reat in diżamina, jikkonsisti fil-pubblikazzjoni, id-distribuzzjoni, in-negozju, it-tixrid jew l-użu mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati.

F'dan il-każ Sephora Micallef xehdet illi r-ritratti li tidher fihom u li jinsabu f'Dok. FB1 sa Dok. FB35, kienet ħadithom hija stess u bagħtithom lill-imputat ("*lil min tridni nibgħathom?*"). Stqarret ukoll li jista' jkun li bagħtithom lil ħaddieħor ukoll. Iżda dak li joħroġ ċar mix-xhieda tagħha huwa l-fatt illi minkejja li setgħet bagħtet dawn ir-ritratti mhux biss lill-imputat, hi ma riditx li dawn jiġi żvelati lil Frederick Bonnici l-għarus tagħha. Qalet li kienet tafda fl-imputat *"... kien jaf li jiena qiegħda ma' ħaddieħor*" u "*kelli biża' ngħidlu li għandi ħabib sinċier*" u fil-fatt huwa stabbilit mill-provi li Frederick Bonnici ma kienx jaf li Sephora Micallef kellha relazzjoni intima ma' xi ħaddieħor. Minn dan il-Qorti tislet il-konklużjoni naturali u ovvja u inevitabbli li r-ritratti sesswali ta' Sephora Micallef li hija bagħtet lill-imputat u li ġie ppruvat li l-imputat żvela lil Frederick Bonnici (Dok. FB20 u Dok. FB21), ġew żvelati

[2] L-ebda wieħed minn dawn ir-ritratti ma nstabu fl-estrazzjoni tad-data mit-telefon ċellulari tal-imputat.

[3] "*Żvelar*" diversament minn "*teħid*" bħala l-mezz tal-kommissjoni tar-reat.

lill-istess parti offiża mingħajr il-kunsens tagħha għaliex meta bagħtithom lill-imputat ma awtorizzatux jibagħthom lil ħaddieħor u speċifikatament lill-għarus tagħha. Kemm hu hekk, Sephora Micallef kienet ċara meta xehdet li għalkemm jista' jkun li bagħtithom lil ħaddieħor, jekk bagħtithom lill-imputat, fdatu li ma jibagħthomx lil ħaddieħor[4].

Għall-Qorti dan ifisser ukoll li r-ritratti sesswali tagħha kienu privati għall-fini tar-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kap. 9: huwa minnu li Sephora Micallef xehdet li jista' jkun li bagħtet ir-ritratti sesswali tagħha lil xi persuna jew persuni oħrajn, iżda dan żgur ma jfissirx li riedet li jiġu mxerrda jew ippubblikati jew distribwiti. Għall-kuntrarju, hu evidenti mix-xhieda illi dawn ir-ritratti ħadithom bil-ħsieb li jkunu għal użu privat.

Konsegwentement, jirriżulta li l-elementi kollha materjali kostituttivi kollha tar-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kap. 9 huma ppruvati u dan fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali.

In kwantu għall-prova tal-element formali tar-reat, ċioe' l-intenzjoni tal-aġent tar-reat li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, il-Qorti tqis li hu biżżejjed li jiġi ppruvat li l-iżvelar tar-ritratti sesswali privati mill-aġent fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, ikun nissel dwejjaq jew ħsara f'persuna oħra u mhux meħtieġ *sine qua non* il-prova diretta tal-intenzjoni tal-aġent li jikkaġuna dwejjaq jew ħsara jekk din tista' tinsilet jew tkun deżumibbli mill-effetti li din il-kondotta tkun nisslet f'persuna oħra.

Jikkonsegwi għalhekk illi s-soġġett passiv tar-reat jista' jkun mhux biss il-persuna li tkun rapprezentata fil-filmat jew ritratt, iżda wkoll il-persuna li lilha tkun ġiet żvelata r-ritratt, purche' l-azzjonijiet tal-aġent huma maħsuba biex inisslu, dwejjaq jew ħsara. **Fil-fatt, il-liġi ma torbotx l-effett tad-dwejjaq jew ħsara speċifikatament jew esklussivament mal-element tan-nuqqas ta' kunsens tal-persuna li tkun**

[4] *"Lil Alan. Lil min tridni nibgħathom?"*

**irrappreżentata fl-immaġini, iżda wkoll mal-att ossia element tat-teħid jew żvelar tal-immaġini**. Dan diversament mill-pożizzjoni taħt s.33 tal-*Criminal Justice and Courts Act* 2015 (UK) fejn il-liġi tesiġi espressament li jiġi ppruvat li l-iżvelar tar-ritratti jew filmati sesswali u privati mingħajr il-kunsens tal-persuna li tidher fihom, ikun sar bil-ħsieb li jikkaġuna dwejjaq jew fastidju **lil dik l-istess persuna**.

In kwantu għall-element tal-iżvelar, kif rajna l-artikolu 208E(4) tal-Kap. 9 jiddefinixxi "żvelar" bħala li tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni, id-distribuzzjoni, in-negozju, it-tixrid jew l-użu mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati. Dan ifisser neċessarjament li talanqas persuna waħda oħra tkun irċeviet il-filmat jew ritratt, liema persuna wkoll għalhekk tista' tkun, jew titqies bħala, is-soġġett passiv tal-iżvelar, jekk jiġi ppruvat ukoll l-intenzjoni tal-aġent li jnissel dwejjaq jew ħsara emozzjonali jew ħsara oħra lil min jirċievi ritratt jew filmat bħal dak. Tifsira li hi deżumibbli wkoll mill-kliem "*ħsara **ta' kull xorta***". (emfasi tal-Qorti)

Applikat dan għall-fattispeċje u r-riżultanzi tal-provi fil-każ li għandha quddiemha, fejn ir-ritratti sesswali ġew żvelati mill-imputat sewwasew lis-sieħeb tal-persuna li hi rappreżentata fir-ritratti, il-Qorti fehmet li dan l-iżvelar sar bil-ħsieb speċifiku li tiġi umiljata Sephora Micallef billi tiġi mpinġija bħala persuna promiskuwa u diżonesta li tittradixxi lis-sieħeb tagħha ma' rġiel oħrajn. Iktar minn hekk iżda, hu ppruvat illi l-iżvelar kien intenzjonat ukoll biex jikkaġuna ħsara emozzjonali mhux biss lill-persuna li ġiet rappreżentata fihom, iżda wkoll lill-persuna li lilha ġew żvelati dawn ir-ritratti. Dan il-ħsieb hu manifestat inkonfutabbilment fil-fatt innifsu tal-iżvelar tar-ritratti ta' Sephora Micallef, sewwasew lill-għarus tagħha. Hu evidenti li ir-ritratti mibgħuta minn 'alan seguna94' lil Frederick Bonnici ma ntbagħtux lilu in buona fede biex jiftħulu għajnejh li l-għarusa tiegħu kienet qed tkun infidila lejh, iżda ntbagħtulu biex jumiljawh kif ukoll biex jisfrattaw ir-relazzjoni tiegħu ma' Sephora Micallef. Barra minn hekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju li l-iżvelar tar-ritratti sesswali lil Frederick Bonnici, liema ritratti juru lill-għarusa tiegħu Sephora Micallef b'sidirha barra u f'pożi ta' natura sesswali u ġew żvelati lilu mingħajr il-kunsens tagħha, effettivament ikkaġuna lil Frederick Bonnici tbatija emozzjonali u uġigħ ta' qalb kbir

kif del resto ikkonferma fix-xhieda tiegħu[5]. Il-Qorti wkoll setgħet tislet hija stess is-sensazzjoni ta' dwejjaq fix-xhud meta kien qed jixhed quddiemha fuq il-pedana tax-xhieda.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kap. 9 talli żvela ritratti sesswali u privati mingħajr il-kunsens tal-persuna rappreżentata fl-istess ritratti, bl-intenzjoni li jagħmel ħsara u dwejjaq.

Ikkunsidrat;

Fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, l-imputat qed jiġi mixi bir-reati taħt il-paragrafi (b) u (ċ) tal-artikolu 49 tal-Kap. 399.

Fiż-żmien tal-akkużi odjerni, u qabel l-emendi li ġew introdotti bl-Att XXIX tal-2023, dan kien jipprovdi li huwa ħati ta' reat:-

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih.*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jewinġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtulok għal reat taħt dan l-Att.*

[5] "Kienu jweġġgħuli s-sentimenti tiegħi" – xhieda tat-18 ta' Jannar 2023, paġna 38 tal-atti tal-k-awża.

M'hemmx dubju f'dan il-każ li l-imputat intenzjonalment uża network ta' komunikazzjoni elettronika kif imfisser fl-Artikolu 2 tal-Kap. 399, ossia l-pjattaforma ta' midja soċjali Whatsapp, biex għamel użu mhux xieraq bih u dan billi xerred permezz ta' dan in-network ta' komunikazzjonjiet elettroniċi, ritratti sesswali privati ta' Sephora Micallef lill-għarus tagħha mingħajr il-kunsens tagħha.

Huwa assodat illum fil-ġurisprudenza in materja illi l-frażi "*użu iehor mhux xieraq*" ma jfissirx kwalunkwe użu jew kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar strett biex tirreferi b'mod ewlieni għal theddid, estorsjoni u attivitajiet illeċiti. U tassew fil-każ in diżamina, jirriżulta illi tant l-imputat għamel użu mhux xieraq ta' dan in-network ta' komunikazzjoni elettronika, illi b'dan l-użu huwa kkommetta r-reat kriminali taħt l-artikolu 208E tal-Kap. 9.

Iżda ma jirriżultax mill-provi illi l-imputat għamel użu minn dan in-network ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa. In kwantu għat-tieni parti tal-paragrafu (b) tal-artikolu 49 tal-Kap. 399 m'huwiex ippruvat l-element tat-theddid li huwa element materjali kostituttiv ta' din it-tieni parti tal-imsemmi paragrafu (b). Fil-fatt, kif rajna, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova biss li l-imputat żvela żewġ ritratti sesswali privati lil Frederick Bonnici u mhux ippruvat sodisfaċjentement illi huwa bagħat ukoll il-messaġġi bil-kliem li jidhru fid-dokumenti Dok. FB1 sa Dok. FB35 għajr għal dawk f'Dok. FB20. Għalhekk, ma jirriżultax li l-imputat hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra persuna oħra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra: tant hu hekk li r-ritratti li ntbagħtu lil Frederick Bonnici ma ġewx akkumpanjati minn xi kliem jew immaġini li jnissel theddid jew malafama fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant, sejra tinstab ħtija biss għar-reat taħt il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 49 tal-Kap. 399.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat ta' fastidju taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9.

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, irid jiġi ppruvat li persuna:- (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna (fost azzjonijiet oħrajn li wkoll jikkostitwixxu dan ir-reat).

Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9 li tgħid li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment".

Blackstone fir-rigward, jgħid hekk[6]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. ...* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry.*** *The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment."* [emfasi tal-Qorti][7]

---

[6] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.
[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit**-2.05.2013.**

Kif inhu risaput ukoll, l-*actus reus* ta' dan id-delitt jikkonsisti b'mod ewlieni fil-prova ta' kondotta jew imġieba da parti tar-*reo*, li hija ripetuta.

F'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali affermat is-segwenti definizzjoni ta' fastidju:

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, fis-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[8], intqal:-

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****."*

Applikat dan kollu għar-riżultanzi tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tqis illi hija nieqsa l-prova indispensabbli ta' kondotta ta' fastidju li hi abitwali jew ripetuta fuq perijodu ta' żmien. Kif rajna, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova biss, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li l-imputat Alan Seguna bagħat lil Frederick Bonnici erba' ritratti b'kollox, Dok. FB20 u Dok. FB21, u baqgħet ma ressqitx provi konklussivi illi r-ritratti u messaġġi l-oħrajn li rċieva Frederick Bonnici intbagħtulu proprju mill-imputat u mhux minn xi ħadd ieħor.

---

[8] *Ibid*.

Indubbjament, kif diġa' ġie stabbilit, Frederick Bonnici ħassu mdejjaq u mweġġa' ferm meta rċieva r-ritratti li jinsab ippruvat li nbagħtu lilu mill-imputat (Dok. FB20 u Dok. FB21) u għalhekk hu ppruvat l-elementi materjali tar-reat konsistenti f'azzjoni li kkaġunat id-dwejjaq fis-soġġett passiv. **Iżda jonqos il-prova illi dawn ntbagħtu lilu f'okkażżjonijiet differenti u mhux f'daqqa jew in fila**. Dan qed jingħad għaliex jekk ir-ritratti sesswali privati li ġie ppruvat li oriġinaw mill-mobile tal-imputat, intbagħtu f'sensiela wara xulxin u fl-istess ħin, u mhux fi ġranet jew perijodi ta' ħin differenti, ma jistax jingħad illi l-ispedizzjoni ta' dawn ir-ritratti tikkostitwixxi aġir abitwali li rrepeta ruħu fuq perijodu ta' żmien, iżda pjuttost incident iżolat li waħdu, mhux biżżejjed biex tinstab ħtija għar-reat ta' fastidju taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9. Ma hemm xejn fir-ritratti Dok. FB20 u Dok. FB21 li jagħti x'jifhem li dawn intbagħtu fi ġranet differenti jew f'okkażjonijiet separati u mhux fl-istess ħin wara xulxin. Fil-fatt, il-ħin li jidher fir-ritratti kollha f'paġna 60 u paġna 61 tal-atti proċesswali, huwa l-istess ħin 10:46.

Għalhekk, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova kif imiss li l-imputat immolesta inġustament lil Frederick Bonnici jew aġixxa b'kondotta li nissel fih id-dwejjaq, f'iktar minn okkażjoni waħda u għalhekk jonqos il-prova tal-element essenzjali tar-reat ta' fastidju.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-iżvelar u spedizzjoni tar-ritratti sesswali privati, kiser iktar minn dispożizzjoni waħda tal-ligi u għalhekk bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, sejra tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi, ċioe' dak taħt l-artikolu 208E tal-Kap. 9.

**Għaldaqstant, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 17 u 208E tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil ALAN SEGUNA ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' erbat elef Euro (€4,000) pagabbli lir-Reġsitratur.**

**Għall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li dan il-ħlas isir bin-nifs b'rati mensili ta' mitejn Euro (€200) kull waħda b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex ma jimmolestax lil Frederick Bonnici u dan taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

DR. RACHEL MONTEBELLO
MAĠISTRAT.